**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

Kawża Numru: 4/2021 (JPG)

**Josanne Abu Hishmeh**

**vs**

**Ronald David Antoine Williams**

- ***<u>Preliminari</u>***

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-attriċi Josanne Abu Hishmeh ipprezentat fl-għaxra (10) ta' Mejju 2021 fejn l-attriċi ippremettiet s-segwenti: -

> *"Tghid ghaliex inti konvenut m' ghandekx tkun kkunndannati thallas s-somma ta' erbat elef u tnejn u tmenin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€4,082.52) rapprezentanti hsarat li inti ghamilt gewwa l-appartament numru sittax (16) Orchidea, Triq Cordina, Ghajnsielem.*
>
> *Dan oltre l-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficcjali sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali ta' Frar, 2021.*
>
> *Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga inti ingunt."*

Ra li l-intimat – għalkemm ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni – naqas li jipprezenta risposta entro t-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hu personalment jew rapprezentant legali tiegħu għas-smiegħ ta' dan il-kaz biex jikkontesta dak reklamat mill-attrici;

Sema' x-xhieda tal-attrici fis-seduta tas-dsatax (19) ta' April 2023;

Ra d-dokumenti kollha prezentati mill-attrici fis-seduta tas-dsatax (19) ta' April 2023;

Ikkunsidra;

- ***Kunsiderazzjonijiet Fattwali***

Għalkemm jirrizulta li l-intimat baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja mhix ekwivalenti għall-ammissjoni tat-talbiet tal-attrici. L-attrici xorta baqgħet taħt l-obbligu li hija tipprova l-kaz tagħha sal-grad li trid il-liġi fi proceduri civili.

Fil-proceduri odjerni, l-attrici qegħda titlob l-ammont ta' erbat elef u tnejn u tmenin ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€ 4,082.52) rapprezentanti danni li hija u zewġha soffrew fl-appartament tagħhom. Fix-xhieda tagħha l-attrici spjegat kif hi u zewġha kienu krew l-appartament bl-indirizz numru sittax (16), "Orchidea", Triq Cordina, Għajnsielem, Għawdex lill-intimat Ronald David Antoine Williams. Williams kien kera l-appartament għal sena. Spjegat kif l-intimat kellu problema bil-ħlasijiet ta' kera u kif hi u zewġha kienu dejjem jiġru warajh għall-ħlas. Eventwalment Williams ma kienx għamel il-perijodu kollu miftiehem u kien ħareġ mill-appartament qabel iz-zmien. Meta l-attrici marret fl-appartament wara li ħareġ Williams, hija sabet ħerba sħiħa f'dan l-istess appartament. Xi wħud mill-affarijiet fl-appartament riedu jittranġaw filwaqt li oħrajn riedu jinbidlu. Tgħid li saħansitra sabet daqqiet tas-sikkina fuq il-bibien interni tal-appartament. Dan fost ħsarat oħra li kien hemm.

It-Tribunal m'għandux raġuni għalfejn ma jemminx il-verzjoni mogħtija mill-attrici li l-ħsarat li hija sabet fl-appartament kienu ġew kaġunati mill-intimat li kien inkwilin f'dan l-appartament. It-Tribunal m'għandu l-ebda prova li fl-okkazzjoni ta' meta inkera l-appartament lill-intimat, dan ma kienx fi stat tajjeb jew inkella kellu affarijiet li kienu imkissra. Għalhekk il-probabilita kbira hija li l-ħsarat li sabet l-attrici x'ħin hija daħlet fl-appartament hekk kif ħareġ l-intimat, kienu ġew kaġunati fl-appartament mill-istess intimat. Għalhekk huwa l-intimat li jrid irid jagħmel tajjeb għalihom u dan in linea ma' dak li tistabilixxi l-liġi fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili u cioe li *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*

Stabbilita l-kwistjoni dwar ir-responsabbilita, it-Tribunal irid isir jara jekk l-attrici irnexxiliex tissostanzja bi provi adegwati l-ammont ta' danni li qegħdin jiġu reklamati minnha f'dawn il-proceduri.

It-Tribunal fela l-ircevuti ipprezentati mill-attrici fis-seduta tas-dsatax (19) ta' April 2023. It-total tal-ircevuti prezentati f'Dokumenti JA 1 sa JA 6 jammonta għal total ta' elfejn tmien mija u sitta u tletin ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€ 2,836.52). Dawn kienu imqassmin hekk:

| **Dokument** | **Spiza** | **Ammont** |
|---|---|---|
| JA 1 | Zebgħa u Maintenance | € 160 |
| JA 2 | Electrician / Plumber | € 100 |
| JA 3 | Shower Cubicle | € 224 |
| JA 4 | Zammit Aluminium | € 66.08 |
| JA 5A | Cefai Furniture | € 2,251.44 |
| JA 6 | Remote Control | € 35 |
| | **Total** | **€ 2,836.52** |

Dan l-ammont ta' € 2,836.52 għalhekk jirrizulta li huwa pienament ġustifikat.

Fil-prospett tad-danni markat bħala **Dokument JA 7**, l-attrici issemmi wkoll fost affarijiet oħra (li tagħhom hija ipprezentat ricevuti) c-cilindri tal-gass, it-television imkisser, coffee table tal-ħġieġ u sufan. Fir-rigward tac-cilindri tal-gass, l-coffee table u sufan tindika valur komplessiv ta' tmien mija u ħamsa u tletin ewro (€ 835).[1] Ricevuti ta' dawn l-oġġetti ma ġewx prezentati. Madanakollu fix-xhieda tagħha l-attrici irreferiet għall-fatt li c-cilindri tal-gass kienu tħallew battala, li l-coffee table kienet spiccat imkissra u s-sufan spicca kollu demm u dan ma setax jitneħħa. Is-sufan kien spicca f'dan l-istat wara li kienet seħħet xi ġlieda fl-istess appartament meta l-intimat kien qiegħed jirrisjedi fih. It-Tribunal iqis li l-ammont ta' tmien mija u ħamsa u tletin ewro (€ 835) huwa ammont ġustifikat għal dawn l-affarijiet li tagħmel riferenza għalihom l-attrici. Għalhekk nonostante li ma ġewx prezentati tali ricevuti, it-Tribunal jemmen li fuq bazi ta' ekwita l-intimat wkoll għandu jagħmel tajjeb għal dan l-ammont. Għar-rigward it-televizjoni, l-attrici wkoll tgħid li dan ġie imkisser. Madanakollu, l-valur ta' dan it-television baqa' ma ġiex indikat, lanqas mill-attrici waqt ix-xhieda tagħha. It-Tribunal għalhekk sejjer jillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' tlett mitt ewro (€ 300) bħala valur tat-televizjoni imkisser.

[11] € 60 (Gas) + € 25 (Coffee Table) + € 750 (Sufan) = € 835 (Ara Dokument JA 7).

Fl-aħħar nett mal-elenku tal-ircevuti, l-attrici ipprezentat wkoll tlett ricevuti ta' ħlasijiet li saru fir-Reġistru tal-Qorti b'rabta ma' atti li hija ipprezentat kontra l-intimat. Dawn kienu s-segwenti:

| **Dokument** | **Spiza** | **Ammont** |
|---|---|---|
| JA 8 | Avviz tat-Talba | € 54.40 |
| JA 9 | Ittra Ufficjali 166A | € 37.20 |
| JA 10 | Mandat Sekwestru | € 92 |

Fir-rigward tal-ispejjez indikati f'Dokumenti JA 8 u JA 9, dawn sejrin jkunu inkluzi mal-ispejjez tal-prezenti procedura stante li l-intimat sejjer wkoll jiġi ordnat biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjez.

Għar-rigward d-dokument JA 10, fl-avviz tat-talba ma kienet saret l-ebda riferenza għall-mandat ta' sekwestru. Madanakollu la darba ġiet prezentata ricevuta li tindika li sar tali mandat ta' sekwestru, t-Tribunal sejjer jinkludi l-ammont imħallas għall-prezentata ta' dan il-mandat mas-sorte dovut.

Għalhekk l-ammont totali ta' danni li soffriet l-attrici jammonta għal total ta' **erbat elef u tlieta u sittin ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€ 4,063.52)**.[2] Dan huwa ftit ewro anqas minn dak reklamat minnha fl-avviz tat-talba oriġinali.

It-Tribunal iqis li l-intimat għandu wkoll iħallas l-imgħaxxijiet relattivi fuq l-ammont li sejjer jiġi kundannat biex iħallas u dan mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali u cioe mid-data tad-disgħa (9) ta' Frar 2021 sad-data tal-effettiv pagament. Dan flimkien mal-ispejjez kollha inkorsi mill-attrici f'dawn il-proceduri.

- ***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi **jilqa' limitatament** t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attrici l-ammont ta' **erbat elef u tlieta u sittin ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€ 4,063.52)** bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tad-disgħa (9) ta' Frar 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-preżenti istanza kif wkoll l-ispejjeż relattivi għall-ittra ufficjali numru 14/2021 datata disgħa (9) ta' Frar 2021 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

---

[2] € 2,836.52 (Ammont skont dokumenti JA 1 sa JA 6) + € 835 (Gas, Coffee Table u Sufan) + € 92 (Sekwestru) + € 300 (Televizjoni) = **€ 4,063.52**

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft.) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur